# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors kostituzzjonali numru 225/2020/1 AF**

**Louisa May Cooper; Joseph Pace;**
**Sarah Lucia Cooper**

***v.***

**Avukat tal-Istat; Maria Parascandalo**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsa bl-art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju kkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas kumpens ta' ħamsa u

ħamsin elf euro (€55,000). L-appell jolqot il-perjodu li matulu seħħ il-ksur u l-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … … permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-qorti ssib leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan minħabba l-operat tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta), kif emendata bl-Att X tal-2009, li qed jagħti dritt ta' rilokazzjoni b'kera baxxa lill-intimata.
>
> »Konsegwentement, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu rimedju għall-ksur lamentat u kumpens għall-ksur tad-drittijiet tagħhom.
>
> »Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kawża tirrigwarda l-fond … Birgu. Fis-sena 1956 il-fond inkera mill-awturi tar-rikorrenti lil missier l-intimata li kien jismu Giraldo Parascandalo. Wara l-mewt tal-ġenituri tagħha, l-intimata baqgħet tgħix fil-fond fejn għadha tgħix sal-lum.
>
> »Il-fond ippervjena għand Frank Pace, missier ir-rikorrent Joseph Pace u Geraldine Cooper, omm ir-rikorrenti l-oħra, permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni tad-29 ta' Mejju 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar. Frank Pace miet fis-6 ta' Ġunju 2004 u nnomina bħala eredi universali tiegħu lil uliedu Joseph Pace u Geraldine Cooper. Permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tat-18 ta' Lulju 2019, Geraldine Cooper iddonat in-nofs indiviż illi hija wirtet mill-fond lil uliedha r-rikorrenti Louisa May u Sarah Lucia aħwa Cooper.
>
> »Skont ir-rikorrenti l-kera pattwita kienet oriġinarjament Lm30 fis-sena iżda fl-2010 għoliet għal €185 fis-sena bis-saħħa tal-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009. Il-kera baqgħet tiżdied kull tliet snin skont l-imsemmija emendi b'dan illi llum qed titħallas kera ta' €209 fis-sena.
>
> »Kif diġà ntqal l-intimata tokkupa l-fond bħala l-unika residenza tagħha u allura, *stante* li l-fond ġie mikri lill-familja tagħha qabel l-1995, il-kirja hija protetta skont il-liġi. Ir-rikorrenti huma marbuta bil-liġi li jkomplu jġeddu din il-kirja a tenur tal-artikolu 3 tal-Kap. 69 li jaqra hekk:
>
>> »"Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."
>
> »Skont il-Kap. 69, il-bord jista' jagħti permess f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-artikolu 4(1)(*b*) tal-Kap. 69, li meta saret din il-kawża kien jipprovdi li l-bord jista' jawtorizza żieda fil-kera biss "jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta' jinkera f'kull żmien qabel l-4 ta' Awwissu tal-1914: il-Bord jista' jistabbilixxi dan il-kera ġust".
>
> »Permezz tal-Att X tal-2009, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera. L-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 jaqra hekk:

»"(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-ewwel ħlas tal-kera dovuta wara l-1 ta' Jannar, 2010, għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont.

»"Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.

»"(2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali għall-mod li bih ikun żdied l-indiċi tal-inflazzjoni skont l-artikolu 13 tal-Ordinanza li Tneħħi il-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2013:

»"B'dan iżda li fejn il-kera tkun fl-1 ta' Jannar, 2010 aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, u b'kuntratt bil-miktub qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 il-partijiet ikunu qablu fuq metodu ta' żjieda fil-kera, wara l-1 ta' Jannar, 2010 iż-żjidiet fil-kera għandhom jibqgħu jkunu regolati skont dak il-ftehim sakemm jibqa' fis-seħħ."

»Ir-rikorrenti jilmentaw li qiegħed jiġi leż id-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà minħabba l-kera baxxa li hija l-massimu li tippermetti l-liġi kif ukoll għaliex huma obbligati bil-liġi jġeddu l-kirja kontra r-rieda tagħhom. Skont il-perit tekniku, fis-sena 2020 il-proprjetà kienet tiswa €395,000 filwaqt illi l-valur lokatizju tagħha fl-istess sena kien ta' €11,850 fis-sena.

»L-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li kulħadd għandu d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu u ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku.«

3. Billi deherilhom li l-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-kerrejja hija bi ksur tad-drittijiet tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara … illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qiegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Maria Parascandolo għall-fond …, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għand-hom jingħataw ir-rimedji kollha li din il-qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni;

»2. tiddikjara … illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-oper-

azzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet viġenti talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll *ai termini* tal-liġi;

»3. tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll *ai termini* tal-liġi;

»4. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»7. L-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt. Allura, fil-kuntest ta' proprjetà li qed isservi għall-finijiet ta' social housing, żgur li ma jistax jiġi kkontemplat xi dritt simili.

»8. F'ċirkostanzi bħal dawn fejn jeżisti interess ġenerali leġittimu, ma tistax tpoġġi fl-istess keffa l-valur tal-proprjetà fis-suq ħieles ma' dak il-valur li wieħed għandu jħallas fil-kuntest ta' *social housing*. L-għan wara dawn il-liġijiet huwa li jipprovdu għall-interess ġenerali u ċjoè li jipprovdu dar ta' abitazzjoni. … …

»9. Ma hemm l-ebda dubju li kieku kellu jiġi applikat il-prezz tal-kirjiet fis-suq ugwalment u fuq l-istess binarju għall-binjiet kollha, kemm dawk fl-ambitu tal-qafas soċjali u anke fl-ambitu ta' dawk li mhumiex, allura r-riżultat ikun li tinħoloq kriżi li tgħabbi lil ħafna familji b'piżijiet li ma jifilħux għalihom;

»... … …

»12. Tajjeb li jingħad ukoll li l-emendi li jirrigwardaw il-kera daħlu fis-seħħ wara konsultazzjoni vasta fejn ġiet ukoll ippublikata l-*White Paper* li ġġib l-isem: *Liġijiet tal-Kera: Il-ħtieġa ta' Riforma* f'Ġunju tal-2008. Din il-konsultazzjoni kienet proċess bi tliet saffi u li għaliha pparteċipaw il-partijiet interessati kollha. Dan kollu jingħad għaliex huwa ben evidenti li l-emendi riċenti dwar il-kera ma sarux b'mod superfluwu [*sic*] iżda saru wara konsultazzjoni serja u intensa u wara li nħass il-polz tal-poplu u tal-entitajiet kollha milquta minn dan l-istatut.

»... … …«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara li bl-operazzjoni tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini u tal-Att X tal-2009 ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kif sanċiti permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

»2. tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba billi tillikwida kumpens fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000) kwantu għal ħamsin elf

euro (€50,000) danni pekunjarji u ħamest elef euro (€5,000) danni non-pekunjarji. Tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dan il-kumpens lir-rikorrenti.

»L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, sa fejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»... … … …

»… … … ir-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, imħares taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-persuna li għandha twieġeb għall-ksur tal-jedd fundamentali hija l-istat. Fil-fehma tal-qorti, fil-każ preżenti d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni waħedha ma tkunx biżżejjed imma l-qorti għandha takkorda kumpens għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

»Għal dan il-ksur tad-dritt fundamentali tagħhom kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrenti għandhom jiġu kompensati għat-tul taż-żmien li ġew imċaħħda mill-godiment tal-proprjetà tagħhom. Skont l-istima magħmula mill-perit tekniku, ir-rikorrenti u l-awturi tagħhom setgħu potenzjalment qalgħu kważi €170,000 f'kirjiet mis-sena 1987 sal-2021 imma minflok irċevew biss madwar €4,000. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi impunjata jkollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, u partikolarment fejn dak l-iskop ikun jirrigwarda akkomodazzjoni soċjali, m'għandux jirrifletti l-valur lokatizju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

»Fil-każ riċenti fl-ismijiet <u>Cauchi *v.* Malta</u>, tal-25 ta' Marzu 2021, il-qorti Ewropea kellha xi tgħid hekk dwar il-likwidazzjoni ta' kumpens pekunjarju f'kawżi ta' din ix-xorta:

»"… … …"

»Il-qorti Ewropea kkonkludiet li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjetà kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Għalkemm dak ir-raġunament kien b'referenza għall-każ li kellu x'jaqsam mal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158), m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandux japplika wkoll fejn il-kirja hi protetta bis-saħħa tal-Kap. 69.

»Il-qorti sejra għalhekk tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi fil-likwidazzjoni tal-quantum tal-kumpens dovut lir-rikorrenti għal-leżjoni tad-dritt fundamentali soffert minnhom:

»i. l-isproporzjon fid-differenza bejn il-kera perċepita u dik li setgħet tkun perċepita fis-suq ħieles li kieku ma kienitx kontrollata bil-liġi;

»ii. iż-żmien li damu r-rikorrenti jbatu minn dan in-nuqqas ta' proporzjonalità;

»iii. l-inerzja tal-istat li baqa' passiv għal tul irraġjonevoli ta' żmien sabiex jipprova jirrimedja għas-sitwazzjoni b'leġislazzjoni *ad hoc*;

»iv. il-fatt illi r-rikorrenti damu tul ta' żmien qabel ma bdew il-proċeduri odjerni;

»v. il-kera mħallsa mill-inkwilini.

»Għalhekk, il-qorti, wara li qieset dawn il-fatturi kollha u qieset ukoll l-istima magħmula mill-perit tekniku, kif ukoll illi l-funzjoni tagħha mhijiex li tillikwida danni ċivili iżda danni għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, hi tal-fehma illi s-somma ta' €50,000 għandha titħallas lir-rikorrenti bħala kumpens pekunjarju. Il-qorti qiegħda tqis ukoll illi r-rikorrenti aħwa Cooper akkwistaw is-sehem tagħhom mill-fond permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-2019. Tenut kont tal-fatti tal-każ, ir-rikorrenti għandhom jirċievu wkoll is-somma ta' €5,000 bħala kumpens non-pekunjarju.

»Għandu jingħad ukoll li l-kwistjoni ta' manutenzjoni jew xogħlijiet li saru fil-fond tesorbita mill-kwistjoni konvenzjonali li għandha quddiem-ha din il-qorti llum. Ix-xogħlijiet li għamlu jew m'għamlux l-inkwilini u dawk li kellhom jew ma kellhomx jagħmlu s-sidien huma irrilevanti għall-vertenza odjerna.

»… … …

»Isegwi li skont il-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, m'huwiex aktar meħtieġ illi tiġi dikjarata l-inapplikabilità tal-Kap. 69. Lanqas ma jista' jingħad illi l-provvedimenti tal-Ordinanza qegħdin ta' bilfors jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata għaliex illum il-ġurnata teżisti proċedura appożita li possibilment tista' tindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti.«

7. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tal-4 ta' Lulju 2022 li wieġbu għalih l-atturi fil-21 ta' Lulju 2022 u l-konvenuta Parascandalo fl-24 ta' Frar 2023.

8. L-appell tal-Avukat tal-Istat jolqot il-perjodu relevanti għall-finijiet tal-ksur u l-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti, u ġie mfisser hekk:

»L-aggravju tal-appellant għandu x'jaqsam mal-ammont ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju akkordat lill-appellati mill-ewwel qorti, u *cioè* s-somma ta' ħamsin elf euro (€50,000) kumpens pekunjarju u ħamest elef euro (€5,000) kumpens non-pekunjarju.

»… … …

»Essenzjalment, l-ewwel qorti ħadet il-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni skont ir-rapport tal-perit tekniku, u jidher li naqqset (għal-kemm mhuwiex għal kollox ċar mis-sentenza) minn dak l-ammont il-kera perċepita mir-rikorrenti, tletin fil-mija (30%) *stante* l-iskop pubbliku tal-miżura u għoxrin fil-mija (20%) minħabba l-inċertezza dwar jekk il-proprjetà kinetx ser tkun mikrija matul is-snin. Hija l-fehma konsiderata tal-esponent Avukat tal-Istat illi din il-komputazzjoni tal-kumpens pekunjarju magħmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija skorretta fuq żewġ binarji, li huma konnessi ma' xulxin.

»Nibdew billi neżaminaw is-sitwazzjoni partikolari tal-appellati Louisa May u Sarah Lucia aħwa Cooper. Kif jingħad fir-rikors promotur stess,

u kif ġie ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża, dawn iż-żewġ rikorrenti saru sidien ta' kwart indiviż kull wieħed tal-fond permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tat-18 ta' Lulju 2019. Huwa minnu illi huma rċivew dan il-fond mingħand ommhom. Madankollu, dan ma jfissirx illi huma intitolati sabiex jirċievu kumpens għat-telf illi setgħet soffriet ommhom fis-snin illi hi kienet sid ta' nofs indiviż ta' dan il-fond. F'dan ir-rigward, ma nġabet ebda prova dwar jekk Geraldine Cooper hijiex ħajja u, f'każ li mietet, x'sar mill-assi ereditarju tagħha.

»Min jirċievi fond jew sehem minn fond permezz ta' donazzjoni ma huwiex fl-istess sitwazzjoni legali bħal dak li jiret fond jew sehem minn fond bħala eredi universali. Il-fatt illi l-appellati Cooper irċivew is-sehem tagħhom mingħand ommhom ma għandu jkollu ebda effett fuq dan ir-raġunament. Għaldaqstant, fir-rigward tan-nofs indiviż tal-fond appartenenti lil Louisa May u Sarah Lucia Cooper, il-kumpens kellu jiġi ikkalkulat mit-18 ta' Lulju 2019 u mhux minn qabel.

»Fit-tieni lok, l-ewwel qorti ikkunsidrat illi l-kumpens għandu jiġi ikkalkulat mis-sena 1992. Fir-rigward tas-sehem mill-fond tal-aħwa Cooper, l-esponent diġà spjega għala l-kumpens għandu jiġi ikkalkulat mis-sena 2019 fil-paragrafi preċedenti. Fir-rigward tas-sehem ta' Joseph Pace, u *cioè* nofs indiviż tal-fond, l-ewwel qorti ma jidhirx illi ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi, bejn is-6 ta' Ġunju 2004 u d-29 ta' Diċembru 2014, il-fond kien soġġett għall-użufrutt ta' Yolanda Pace, li tiġi omm ir-rikorrent Joseph Pace. Għalhekk, matul dan il-perjodu, Joseph Pace, għalkemm kien sid ta' nofs indiviż mill-fond *de quo*, ma kellu ebda dritt jirċievi l-kera perċepibbli mill-fond, għaliex l-artikolu 332 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk: '"L-użufruttwarju għandu jedd għal kull xorta ta' frottijiet, sew naturali, industrjali, jew ċivili, illi tista' tagħti l-ħaġa li tagħha jkollu l-użufrutt". Għalhekk, matul dan il-perjodu, kienet is-Sinjura Yolanda Pace illi kellha d-dritt tirċievi l-kera perċepibbli minn dan il-fond.

»Issa, l-ewwel qorti ddeċidiet illi l-kumpens għandu jiġi kkalkulat minn żmien l-antenati tar-rikorrenti. Però, biex l-ewwel qorti takkorda kumpens għall-perjodu bejn is-6 ta' Ġunju 2004 u d-29 ta' Diċembru 2014, ir-rikorrenti kellhom iġibu provi sodisfaċenti illi l-appellat Joseph Pace huwa eredi universali ta' ommu Yolanda Pace, ħaġa li ma saritx. Infatti, ir-rikorrenti ma ġabu ebda provi dwar il-wirt ta' Yolanda Pace konsistenti f'kopja tat-testment tagħha, riċerki testamentarji u dik-jarazzjoni *causa mortis*, u għaldaqstant ma nafu xejn dwar kif iddisponiet mill-assi ereditarju tagħha. Għalhekk, hija l-fehma kon-siderata tal-esponent illi l-appellati ma jistgħux jippretendu illi jiġu kkumpensati għal dan il-perjodu mingħajr ma jġibu l-provi neċessarji. Madankollu, huwa ċar illi l-ewwel qorti ma tat ebda konsiderazzjoni għal dan il-fatt fis-sentenza tagħha.

»Skont ir-rapport tal-perit tekniku, il-fond in kwistjoni kellu s-segwenti valur lokatizzju fiż-żmien l-antekawża tar-rikorrenti:

| »Sena | Kera fis-suq miftuħ għall-fond kollu | Kera perċepibbli mir-rikorrent Joseph Pace bħala eredi ta' Frank Pace = nofs indiviż tal-fond |
|---|---|---|
| »1992-1994 | €4,987.77 (€1,662.59 x 3) | €2,493.89 |
| »1995-1999 | €13,820.75 | €6,910.38 |

| | | |
|---|---|---|
| | €2,764.15 x 5) | |
| »2000-2003 | €15,319.96 (3,829.99 x 4) | €7,659.98 |
| »2004-2014 | Mhux applikabbli | €0 |
| »Total ta' kera li r-rikorrenti setgħu teoreti-kament ipper-ċepew matul is-snin | €17,064.26 | |
| »Kera li r-rikorr-enti attwalment ipperċepew matul l-istess perjodu | Ċirka €800 | |
| »Diskrepanza | €16,264.26 | |

»Skont ir-rapport tal-perit tekniku, il-fond in kwistjoni kellu s-segwenti valur lokatizzju mis-sena 2015 'il quddiem:

| »Sena | Kera fis-suq miftuħ għall-fond kollu | Rikorrenti bħala sidien ta' nofs indiviż |
|---|---|---|
| 2015 | €7,560.59 | €3,780.30 |
| 2016 | €7,560.59 | €3,780.30 |
| 2017 | €7,560.59 | €3,780.30 |
| 2018 | €7,560.59 | €3,780.30 |
| 01.01.2019 17.07.2019 | €4,410.34 (€7,560.59/12 x 7) | €2,205.17 |
| | | Rikorrenti bħala sidien tal-fond kollu |
| 18.07.2019 31.12.2019 | €3,150.25 (€7,560.59/12 x 5) | €3,150.25 |
| 01.01.2020 19.10.2020 | €9,704.64 (€11,645.57/12 x 10) | €9,704.64 |
| Total ta' kera li r-rikorrenti setgħu teoretikament ipperċepew matul is-snin | | €30,181.26 |
| Kera li r-rikorrenti attwalment ipperċepew matul l-istess perjodu | | Ċirka €800 |
| Diskrepanza | | €29,381.26 |

»Jiġi għalhekk illi, skont ir-rapport tal-perit tekniku, l-appellati setgħu teoretikament ipperċepew l-ammont ta' €45,645.52 b'kollox bħala kera. Issa, l-ewwel qorti akkordat kumpens ta' €50,000 u *cioè* iktar mill-ammont illi l-appellati huma intitolati għalih.

»Issa, mis-somma ta' €45,645.52, din il-qorti xorta waħda għandha tagħmel tnaqqis ulterjuri, u dan *in vista* u b'konsegwenza tal-punti segwenti:

»a. il-miżura li taffettwa lir-rikorrenti hija waħda maħsuba sabiex tis-salvagwardja l-interess pubbliku, kif spjegat aktar 'il fuq, Skont l-aktar sentenzi riċenti tal-qorti ta' Strasburgu, inkluż Cauchi *v.* Malta (App. 14013/19), din l-istess aorti spjegat li meta l-miżura in kwistjoni tkun waħda manifestament fl-interess pubbliku, bħal ma hija f'dan il-każ, il-kumpens li għandu jitħallas jista' jitnaqqas mill-inqas bi tletin fil-mija (30%) tal-ammont li setgħa jipperċepixxi s-sid;

»b. il-valuri mogħtija mill-perit ma humiex ammonti li s-sid kien fiż-żgur illi ser jipperċepixxi minn din il-proprjetà matul dawn is-snin kollha. Dawk huma valur ibbażati fuq informazzjoni li għandu l-perit li, fl-aħħar mill-aħħar, setgħu jipperċepixxu r-rikorrenti u setgħu le. Għal-hekk, filwaqt li l-esponent m'għandux dubju li l-perit tekniku għamel xogħol siwi fil-preparazzjoni tar-rapport, wieħed ma jistax jassumi illi, li kieku r-rikorrenti krew il-fond matul dawn is-snin kollha, huma kienu ser jipperċepixxu l-valuri indikati fir-rapport f'kera. Dik hija biss indikazzjoni tal-valur lokatizzju, u xejn iktar;

»ċ. magħdud ma' dan, li kieku r-rikorrent krew il-fond fis-suq ħieles matul dawn is-snin kollha, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni raġonevoli illi matul dawk is-snin il-fond seta' baqa inokkupat għal żminijiet twal, xhur jekk mhux snin. Infatti, l-istess qorti ta' Strasburgu fl-istess Cauchi *v.* Malta saħqet li l-kumpens mitlub għandu jitnaqqas b'madwar għoxrin fil-mija (20%) għal din ir-raġuni;

»d. apparti minn dan kollu, wieħed ma jistax jinsa wkoll illi, matul dawn is-snin kollha, ir-rikorrenti evitaw l-ispejjeż ta' manutenzjoni tal-fond, għaliex kif spjegat aktar 'il fuq, tali spejjeż kienu a karigu tal-inkwilin. F'dan il-każ partikolari, ħareġ ċar mix-xhieda tal-inkwilini illi l-fond in kwistjoni ħadu ħsiebu matul dawn is-snin. Dan għandu jkollu effett fuq l-ammont ta' kumpens illi tista' takkorda din il-qorti, għaliex il-valur illi għandu l-fond illum u l-kera li l-istess fond jista' jipperċepixxi fuq is-suq miftuħ illum huwa frott, *in parte*, tax-xogħol u spejjeż li nefqu l-konvenuti. Li kieku l-konvenuti ma ħadux ħsieb il-fond, l-ammonti indikati fir-rapport peritali kienu jkunu ċertament inqas għaliex il-fond ma kienx ikun attraenti daqs kemm hu illum.

»Apparti minn hekk, hija l-fehma konsiderata tal-esponent illi l-ammont ta' kumpens non-pekunjarju akkordat mill-ewwel qorti kien wieħed eċċessiv. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fl-aktar sentenzi riċenti, ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens non-pekunarju għal żminijiet illi huma ma kienux sidien tal-fond. Id-dritt għal kumpens non-pekunjarju huwa dritt personali li ma jintiritx. … … … Meħud in konsiderazzjoni dan l-insenjament, kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5,000) huwa eċċessiv.

»Għaldaqstant, hija l-fehma tal-esponent illi l-ammont ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju akkordat lill-appellati mill-ewwel qorti huwa wieħed eċċessiv u għandu jiġi ridott sostanzjalment.«

9. L-atturi wieġbu hekk:

»… … …

»Għandu jiġi ribadit illi l-fond in kwistjoni kien oriġinarjament fond proprjetà parafernali tal-mejjet Frank Pace li ppervjena lilu b'kuntratt ta' diviżjoni tad-29 ta' Mejju 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar.

»Frank Pace ħalla ġidu lil uliedu r-rikorrenti Joseph Pace u lil bintu Geraldine Cooper skont testment tiegħu *unica charta* tas-6 ta' Diċembru 1998 fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, suġġett għall-użufrutt ta' martu, li mietet fid-29 ta' Diċembru 2014.

»Yolanda Pace ma biddlitx t-testment tagħha u l-wirt tagħha ddevolva bit-testment tad-29 ta' Mejju 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar, u għalhekk mhux korrett meta l-Avukat tal-Istat jippretendi illi l-appellanti inċidentali[1] ma ġabux il-prova tal-wirt tal-istess Yolanda Pace fuq ir-rikorrenti Joseph Pace u Geraldine Cooper.

»Kif korrettement sottomess mill-Avukat tal-Istat, Geraldine Cooper iddonat in-nofs indiviż tal-proprjetà tagħha lir-rikorrenti appellanti inċidentalment Louisa May Cooper u Sarah Lucia Cooper, b'kuntratt tat-18 ta' Lulju 2019 fl-atti tan-Nutar Dottor Joelle Cortis.

»Altru ma nġabitx il-prova tal-provenjenza tal-proprjetà naxxenti mill-eredi ta' Frank u Yolanda Pace kif fuq deskritt.

»Bis-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2022, l-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) stmat id-dannu soffert bl-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta fis-somma ta' €170,000 f'kirjiet mitlufa mis-sena 1987 sal-2021, fejn huma rċevew biss is-somma ta' €4,000 bħala kera.

»Għalhekk, *ai termini* tal-kawża <u>Cauchi *v.* Malta</u> deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021, huma għandhom jirċievu 50% tal-istess dannu *ossia* s-somma ta' €83,000, *oltre* d-dannu non-pekunjarju li għandu jiġi kkalkulat mill-mewt ta' Frank Pace, ammontanti għal mill-inqas €5,000.

»Għalhekk, sehem Joe Pace għandu jkun ta' €44,000, waqt li l-aħwa Louisa May Cooper u Sarah Lucia Cooper għandhom jirċievu d-dannu ta' sentejn mid-donazzjoni tat-18 ta' Lulju 2019 sa meta daħal in vigore l-Att XXIV tal-2021, biex b'hekk id-dannu minnhom soffert jammonta għal €12,000 dannu pekunjarju u dannu non-pekunjarju, biex b'hekk il-likwidazzjoni tal-qorti fis-somma ta' €55,000 hija *ai termini* tal-Liġi u mhux kif pretiż mill-istess Avukat tal-Istat.

»Għaldaqstant, l-appell tal-intimat Avukat tal-Istat għandu jiġi respint *in toto* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant Avukat tal-Istat u bl-imgħaxijiet mill-14 ta' Ġunju 2022.«

[1] Ma sar ebda appell inċidentali mill-atturi.

10. Il-konvenuta Parascandalo wieġbet hekk:

> » … … … l-ammont mogħti huwa wieħed eċċessiv meta wieħed jikkunsidra li l-atturi qed jittentaw jieħdu kumpens ieħor mill-Bord li Jirregola l-Kera, permezz ta' proċeduri li hemm pendenti quddiem dan il-bord.
>
> »… … …«

11. L-Avukat tal-Istat ressaq tliet aggravji:

    i. l-ewwel aggravju huwa illi l-kumpens li jmiss lill-konvenuti Louisa May u Sarah Lucia Cooper kellu jinħadem b'seħħ mit-18 ta' Lulju 2019, meta kisbu nofs mhux maqsum tal-fond b'donazzjoni, u mhux minn qabel;

    ii. ma kellux jingħata kumpens lill-attur Joseph Pace dwar in-nofs l-ieħor tal-fond għaż-żmien bejn is-6 ta' Ġunju 2004 u d-29 ta' Diċembru 2014 meta ommu Yolanda Pace kellha l-użufrutt tal-fond; u

    iii. it-tielet aggravju jolqot id-danni non-pekunjarji, li l-appellant igħid illi huma wisq.

12. Nibdew bl-ewwel aggravju: il-perjodu relevanti għall-għanijiet tal-kumpens li jmiss lil Louisa May u Sarah Lucia aħwa Cooper.

13. L-atturi Louisa May u Sarah Lucia aħwa Cooper flimkien saru s-sidien ta' nofs mhux maqsum tal-fond bis-saħħa ta' donazzjoni mingħand ommhom Geraldine Cooper b'kuntratt tat-18 ta' Lulju 2019 fl-atti tan-Nutar Joelle Cortis.

14. Peress li kisbu l-fond b'titolu partikolari ta' donazzjoni – u mhux b'titolu universali ta' wirt – dawn l-atturi ma jiksbux ukoll il-jedd għall-kumpens li

kien imiss lil ommhom sakemm ma jurux li huma wkoll il-werrieta tagħha. Iżda ma tressqux provi li juru jekk l-omm ġietx nieqsa u, jekk iva, illi wirtuha dawn l-atturi.

15. Igħid sew għalhekk l-Avukat tal-Istat illi l-perjodu relevanti għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-kumpens li jmiss lill-atturi Louisa May u Sarah Lucia Cooper huwa mit-18 ta' Lulju 2019 sat-28 ta' Mejju 2021, meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021. L-atturi wkoll jaqblu illi "l-aħwa Louisa May Cooper u Sarah Lucia Cooper għandhom jirċievu d-dannu ta' sentejn mid-donazzjoni tat-18 ta' Lulju 2019 sa meta daħal *in vigore* l-Att XXIV tal-2021". Dan l-aggravju għalhekk sejjer jintlaqa'.

16. It-tieni aggravju tal-Avukat tal-Istat jolqot il-perjodu relevanti għall-għanijiet tal-kumpens li jmiss lill-attur Joseph Pace.

17. L-attur Joseph Pace jistħoqqlu kumpens għall-ksur tad-drittijiet tiegħu li ġarrab:

    i. bħala werriet ta' missieru bejn it-30 t'April 1987, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, sas-6 ta' Ġunju 2004 meta ġie nieqes missieru; bejn is-7 ta' Ġunju 2004 u d-29 ta' Diċembru 2014 il-kumpens ma jmissx lilu iżda lil ommu Yolanda Pace li kellha l-użufrutt;

    ii. bejn id-29 ta' Diċembru 2014, meta ġiet nieqsa Yolanda Pace u għalhekk intemm l-użufrutt, u t-28 ta' Mejju 2021 meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021. L-attur ħaqqu dan il-kumpens bħala sid ta' nofs indiviż tal-fond li huwa wiret mingħand missieru.

18. Ma tressqitx prova illi l-attur Frank Pace wiret lil ommu Yolanda Pace, u għalhekk ma ntweriex li wiret il-jedd għall-kumpens li seta' kellha din bħala użufruttwarja bejn is-7 ta' Ġunju 2004 u d-29 ta' Diċembru 2014. Għalhekk igħid sew l-Avukat tal-Istat illi ma għandux jiġi likwidat kumpens relattiv għal dan il-perjodu.

19. Il-perjodu relevanti għall-għanijiet tal-kumpens li jmiss lill-attur Joseph Pace għalhekk huwa mit-30 t'April 1987 sal-5 ta' Ġunju 2004 u mid-29 ta' Diċembru 2014 sal-31 ta' Mejju 2021. L-aggravju relattiv għalhekk sejjer jintlaqa'.

20. Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tal-kumpens. Dan għandu jinħadem fuq il-kriterji ta' <u>Cauchi</u> [2] biex tinżamm kemm jista' jkun uniformità u prevedibilità fil-likwidazzjoni tad-danni f'kawżi bħal dik tallum.

21. Maħdum bil-kriterji ta' <u>Cauchi</u>, u wara li tqis dak li daħħlu jew li setgħu daħħlu l-atturi aħwa Cooper, u tqis ukoll sehemhom fil-proprjetà, it-telf li ġarrbu dawn l-atturi għall-perjodu bejn is-sena 2019 u s-sena 2021 huwa madwar ħamest elef u erba' mitt euro (≈ €5,400), kif muri fl-iskeda A mehmuża mas-sentenza biex titqies parti minnha.

22. Maħdum bil-kriterji ta' <u>Cauchi</u>, u wara li tqis dak li daħħal jew li seta' jdaħħal l-attur Joseph Pace, u tqis ukoll sehemu fil-proprjetà, it-telf li ġarrab dan l-attur għall-perjodu bejn is-sena 1987 sal-2004 u mill-2014 sal-2021 huwa qrib ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt euro (≈ €25,600), kif muri fl-iskeda B mehmuża mas-sentenza biex titqies parti minnha.

---

2 Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021, rik. nru 14013/19

23. B'kollox, il-kumpens pekunjarju jiġi wieħed u tletin elf euro (€31,000), flok ħamsin elf euro (€50,000) kif likwidat mill-ewwel qorti. Dan il-kumpens jinqasam bejn l-atturi kif imfisser fiż-żewġ paragrafi ta' qabel dan.

24. L-aħħar aggravju tal-appell jolqot il-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti bħala danni non-pekunjarji.

25. Ewlieni fost il-fatturi relevanti għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni non-patrimonjali jitqies iż-żmien li matulu l-atturi ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom *i.e.* mit-18 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Mejju 2021 (għal ftit inqas minn sentejn) fil-każ tal-atturi Cooper u mid-29 ta' Diċembru 2014 sal-31 ta' Mejju 2021 (għal madwar sitt snin u nofs) fil-każ tal-attur Joseph Pace. Id-danni non-patrimonjali ma jintirtux u għalhekk iż-żmien li għalih l-attur Joseph Pace jistħoqqlu kumpens patrimonjali bħala werriet tas-sid ta' qablu ma jitqiesx għall-għanijiet tad-danni non-patrimonjali.

26. Fiċ-ċirkostanzi tal-kawża tallum il-qorti hija tal-fehma illi kumpens ta' ħames mitt euro (€500) bħala danni non-pekunjarji għall-atturi Cooper u elf u ħames mitt euro (€1,500) għall-attur Joseph Pace huwa tajjeb u biżżejjed, u għalhekk id-danni non-patrimonjali ta' ħamest elef euro (€5,000) likwidati mill-ewwel qorti sejrin jitnaqqsu għal elfejn euro (€2,000) li jinqasam bejn l-atturi kif imfisser f'dan il-paragrafu.

27. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet ksur tad-drittijiet tal-atturi mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u tħassarha fejn illikwidat id-danni fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000) u, minflok, tillikwida l-kumpens għad-danni patrimonjali u non-

patrimonjali fis-somma ta' tlieta u tletin elf euro (€33,000) b'kollox, li jinqasem bejn l-atturi kif imfisser aktar 'il fuq.

28. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż fis-sentenza appellata. Dawk tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

Skeda A

Sehem l-atturi
Cooper

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | |
|---|---|---|---|
| 2019 | 3,465.27 | 96.20 | * |
| 2020 | 11,645.57 | 209.90 | |
| 2021 | 4,852.32 | 87.46 | ** |
| | 19,963.16 | 393.56 | |

| | |
|---|---|
| -20% = | 15,970.53 |
| -30% = | 11,179.37 |
| naqqas | -393.56 |
| Jifdal | 10,785.81 |

sehem l-atturi Cooper (in-nofs):

5,392.90

* ħames xhur u nofs
** ħames xhur

Skeda B

Sehem l-attur Pace

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | |
|---|---|---|---|
| 1987 | 698.04 | 46.59 | * |
| 1988 | 1,047.06 | 69.88 | |
| 1989 | 1,047.06 | 69.88 | |
| 1990 | 1,622.59 | 69.88 | |
| 1991 | 1,622.59 | 69.88 | |
| 1992 | 1,622.59 | 69.88 | |
| 1993 | 1,622.59 | 69.88 | |
| 1994 | 1,622.59 | 69.88 | |
| 1995 | 2,764.15 | 69.88 | |
| 1996 | 2,764.15 | 69.88 | |
| 1997 | 2,764.15 | 69.88 | |
| 1998 | 2,764.15 | 69.88 | |
| 1999 | 2,764.15 | 69.88 | |
| 2000 | 3,829.99 | 69.88 | |
| 2001 | 3,829.99 | 69.88 | |
| 2002 | 3,829.99 | 69.88 | |
| 2003 | 3,829.99 | 69.88 | |
| 2004 | 1,595.83 | 29.12 | ** |
| 2015 | 7,560.59 | 197.32 | |
| 2016 | 7,560.59 | 201.39 | |
| 2017 | 7,560.59 | 201.39 | |
| 2018 | 7,560.59 | 201.39 | |
| 2019 | 7,560.59 | 209.90 | |
| 2020 | 11,645.57 | 209.90 | |
| 2021 | 4,852.32 | 87.46 | *** |
| | 95,942.49 | 2,502.53 | |

| | |
|---|---|
| -20% = | 76,753.99 |
| -30% = | 53,727.79 |
| naqqas | -2,502.53 |
| Jifdal | 51,225.26 |

Sehem l-attur Pace (in-nofs):

25,612.63

* tmien xhur
** ħames xhur
*** ħames xhur